FIT-18 TA' GUNJU 1979 SAR PROGRAMM FUQ IT-TELEVIZJONI MALTI, LI HA L-FORMA TA' TLEDRAMM IMSEMMI "SAN NIKOLA TAL-VENTURI", LI KITBU IS-SUR RAFEL BONNICI CALI', IMSIEHEB TAL-GHAQDA TAL-FOLKLOR, U KAXXIER FIL-KUMITAT. L-EDITUR TALBU JIKTEB XI HAGA DWAR DAN IT-TELEDRAMM INTERESSANTI, U BGHATILNA DAN LI GEJ:

# SAN NIKOLA TAL-VENTURI

minn RAFEL BONNICI CALI'

Thajjart nikteb dan id-dramm "San Nikola Tal-Venturi" snin ilu, meta ssehibt mal-Ghaqda tal-Folklor Malti li bdiet fl-1953 u ssahhet fl-1960 bil hidma ta' l-ewwel president taghha, Dr.Ch.G.Cassar M.D. u studjuzi ohra fosthom il-mibki Ninu Cremona ul-habib taghna is-Sur Guze' Cassar Pullicino, li ghadu jahdem b'risq il-folklor bhal imsehbin ohra. Lis-Sur Nin u lis-Sur Cassar Pullicino ilni nafhom minn meta kienu jghixu f'Hal Tarxien ir-rahal tieghi, u bhalhom hrigt inhobb kull haga maltija. Minhabba il-qaghda ta' Hal-Tarxien qrib il-bliet tal-Kottonera u l-irhula ta' madwaru, dan ir-rahal maghruf ghall-qedem tieghu jigbor fih bosta drawwiet ta' niesna. Barra dan, jien waqt ix-xoghol tieghi ta' pittur, hdimt f'ghadd ta' knejjes fil-bliet u rhula ta' Malta u Ghawdex, u stajt nigbor taghrif iehor fuq drawwiet ta' dawn l-imkejjen, u sirt inhobb il-folklor taghna dejjem aktar, u issa sibtu ta' ghajnuna knira fil-kitba ta' dan it-teledramm. Ghalhekk fid-dramm dahhalt mhux biss drawwiet qodma, izda wkoll proverbji u kliem ta' l-imghoddi li llum ghoddhom spiccaw u ntesew mit-tfal taghna. Kien aktarx ghalhekk li l-kap tal-programmi tat-televizjoni, [illegible]Sur Charles Abela Mizzi, li jhobb il-folklor Malti mhux anqas minni, laqgha

bil-ferh dan it-teledramm ghaz-xandir. Is-suggett tad-dramm "San Nikola tal-Venturi" juri bicca mill-folklor religjuz taghna li ssawwar madwar il-qaddis, li tieghu kien hawn bosta knejjes fosthom fir-rahal qadim tas-Siggiewi, fejn ghandu xbighet impingijin li juru il-hajja tal-bosta mirakli li ghamel, u li ghalihom baqgha msemmi mad-dinja kollha. Izda l-aktar xbiha tal-qaddis li geghlitni nsemmiha, hija wahda mahduma mill-gebel, wieqfa fil-misrah ta' quddiem il-knisja, ghax ix-xebbiet Siggiewin u ohrajn kellhom id-drawa, li meta jaslu ghaz-zwieg kienu jmorru jduru ghal-tliet darbiet madwar din l-istatwa, waqt li jghidu xi talba biex San Nikola jibghatilhom gharus, u bosta minnhom kienu jghidu li qalghu dak li talbuh. Din id-drawa tnisslet mill-grajja mghrufha fil-hajja tal-qaddis, li fil-hniena tieghu kien tafa' borza flus fit-tieqa tad-dar fejn kienu kghixu tliet xebbiet fqar li kienu jehtiegu flus ghad-dota biex jistghu jizzewgu. Il-qaddis ma wriex min kien, izda dawk ix-xebbiet malajr sabu li kien l-isqof hanin tal-post. San Nikola huwa maghruf mal-Ewropa u l-Amerkà kollha, waqt li fil-pajjizi tar-riforma protestanta dawwrulu ismu f'Santa Claus u waslu biex bidlulu wkoll il-libsa, nehhewlu l-mitra minn rasu u libbsulu barnuz ahmar, nehhewlu l-baklu minn idu u tawh xkora fuq dahru mimlija rigali ghat-tfal fil-jiem tal-milied, u b'hekk gie mlaqqam ukoll Father Christmas mill-inglizi u Babbo Natale mit-taljani. Dan sar minhabba l-grajja tal-hniena li l-qaddis wera mat-tfal, fosthom tliet subien li kienu gew maqtula minn bejjiegh tal-laham immellah, u l-qaddis rega' tghom il-hajja, kif jidher g'bosta pitturà. Fix-xbieha tal-qaddis tal-gebel li semmejna naraw li ghandu tleit hbejziet f'idu, ta' ghamla tonda, u jinghad li dawn ifissru l-hniena li kien juri mal-proxxmu. Nafu li fil-knejjes ta' San Nikola tas-Siggiewi u tal-Belt, jitqassmu hbejziet wara li jitbierku mill-qassis, u jinghad li dawn ghandhom il-qawwa li jfejqu l-mard, li jehilsu lin-nies mid-dizgrazzji, sahansitra mis-sajjetti. Fil-bidu dawn kellhom ghamla ta' ballun, izda llum tawhom ghamla ta' warda, u kienhemm

zmien meta kienu jaghmluhom qishom figolli, f'ghamla ta' isqof bil-mitra f'rasu. Dawn il-hbejziet jitbierku f'jum il-festa tal-qaddis fis 6 ta' Dicembru, u minn dan giet il-bidlu tal-isem f'Santa Klaus je Father Christmas, ghax il-festa tal-qaddis tahbat qrib il-milied fl-istess xaghar, u qrib l-istrina li fiha t-tfal jistennew xi rigali. San Nikola gabar mieghu bosta folklor mhux biss f'Malta, izda wkoll fid-dinja kollha.

Id-dramm tieghi mhux il-hajja tal-Qaddis, kif xi hadd stenna, izda grajja helwa ta' tfajla maltija, fqira, li trabbiet fl-abatija, u li meta waslet ghaz-zwieg talbet ukoll lill-San Nikola biex isibilha gharus, u dan semaghha u bghatilha lill-kuginuwha stess, haddiem it-tarzna li jaqlaghha mhux hazin. Dawn sabu l-ghajnuna ta' kull mmin kien jafhom, fost l-ohrajn tal-kappillan tar-rahal taghhom. L-istorja hija hafifa bla ghoqod u bla tahbil il-mohh. Il-problema wahdanija nqalghet biss lill-kappillan, minhabba ohtu, li billi kienet imrobbija fil-bliet tal-Kottonera ma setghetx tidra fir-rahal, u l-kappillan dara, u ma riedx ihalli din il-parrocca fejn lin-niex sabhom minn taghna hafna. Noti helwin fid-dramm huma nuqqas ta' qbil bejn id-drawwiet tal-bliet u ta' l-irhula; nghidu ahna, oht il-kappillan, minfuha biha nfisha, ghax mill-ibliet, u tiftahar li hadd daqsha fir-rahal ma ghandu edukazjoni u skola, waqt li nnies tar-rahal jghixu il-hajja semplici kollha mhabba u bla kburija.

L-atturi fehmu malajr il-ghan tad-dramm u hadmuh minn qlbhom. Ix-xeni u xoghol kollu ingibdu flistudjo tat-televizjoni fuq id-disinn tieghi stess, u kienu juru l-ufficju tal-kappillan, u il-bitha bis-setah ta' l-istess dar, imzejna b'ghamara qadima sabiha, sahansitra inkwatri taz-zejt, tal-qaddisin, u xarbitelli ohra li taw ambjent tassew malti. L-ilbies kien juri li l-grajja saret dwar l-1900 meta Malta kienet ghadha ma hadetx ix-xejra moderna.

Inhossni ferhan li d-dramm intlaqgha tajjeb hafna, kemm ghas-sura originali tieghu, kif ukoll ghax-xehta storika, folkloristika u artistika; bejn kull taqsima dahhalt poeziji u muzika, kompozizj-

onijiet ta' Tereza Cassar u l-grupp Greenfields li gharfu jkomplu jahdmu u jkabbru il-muzika folkloristika taghna.

L-arcipriet tas-Siggiewi wera l-pjacir li ha bid-dramm, billi bghatlu ghadd ta' hbejziet ta' San Nikola biex inqassamhom lill-dawk li hadu sehem biex id-dramm irnexxa. Din kienet idea tajba, u dawk li hadu dawn il-hbejziet hadu pjacir bihom ghax raw li din it-tradizjoni ghadha sejra. Hbejza ohra irrid ngghti lill-ghada tal-folklor bhala tifkira, u ohra lill-muzew tal folklor li ghad irid jiftah. Dawn il-hbejziet maghmulin l-istess bhall hobz l-iehor, u bhal dawk ta' Sant Antnin, bit-tqieq bil-melh u ilma, u bhalma huma wkoll maghmulin l-istilli ta' San Nikola ta' Tomentino u l-ittra "M" li jqassam il-kappillan ta' Santa Marija taz-Zebbug, Ghawdex, u li wkoll jinzammu bil-ghozza mil-poplu. Naf familja fil-Birgu, li f' xi maltemp kbir, fost tfaqqigh ta' sajjetti, kienu jaqsmu farka mill-hobza ta' San Nikola u jwaddbuha barra quddiem biebhom bit-tama li l-maltemp jieqaf; ohrajn kienu jzommul-hbejza fuq l-ixkaffa tal-lampa taz-zejt quddiem il-Madonna, waqt li ohrajn kienu jzarrbu bicca mill-hbejza fil-mishun, u jaghtuha lill-morda biex ifiequ, uzanzi helwin ta' niesna.

Din li gejja hija ghanja folkloristika tan-nisa:

"O qaddis bil-mitra f'rasu, u bil-baklu minn tar-rghajja,
Hawn ma dwarek indur dawra biex nigbed gharus warajja.
Il-hbejziet illi taghtina jigu mbierka mill-qassis
Biex tehlisna mid-dizgrazzji ghax inti kbir qaddis.

U mill-mard ukoll tehlisna, bil-mamma fal-manna tieghek(*)
Lili ghati dak li tlabtek, kif ghamilt il-weghda mieghek.
Fil-Milied ejja ferrahna, u lit-tfal ghati l-istrina
Lill-gharajjes ghati d-dota, pezza xoqqa l-aktar fina

Gahtihom libsa sbejha, minsuga kollha kuluri,
U senduq b'mitt skud tal-fidda, San Nikola tal-Venturi.

Mhux ta' b'xejn waqqfulek statwa fil-misrah tar-rahal taghna,
Int qaddis kbir tal-mirakli, ibqa dejjem hanin maghna.
    Ahna dejjem inhobbuk,
    Nigu l-genna ha ngawduk. "

Ghanja ohra tal-irgiel, hija aktarx aktar maghrufa:
  "San Nikola tal-Venturi, tlabtu wahda taghni tnejn,
  Wahda ghamja l-ohra truxa, ahjar li ma taghni xejn."

(*) Manna ta' San Nikola tkun bhal ilma migjub mill-qabar tal-qaddis fil belt ta' Bari fejn ghandu kattidral sabih; din il-manna tinghata go flixkun zghir lill-morda.

Il-poeta veteran Karmenu Vassallo kien fost dawk li kkummentaw u fahhru it-teledramm, fil-"Hajja" tat- 23-6-79. Biex turi l-apprezaament taghha ghas-success ta' dan it-teledramm folkloristiku, l-Ghaqda tal-Folklor iddeciediet li taghti certifikat lill-kull min ikkontribwixxa sehmu.

IL-KUMITAT TAL-GHAQDA TAL-FOLKLOR 1979

President:Dr.Charles Cassar M.D.
Segretarju Onorarju: Is-Sur G.Lanfranco,M.I.Biol.
Kaxxier: Is-Sur R.Bonnici Cali' K.M.
Membri: Is-Sinjuri J.M.Buontempo, Ch.Coleiro, Ang.Dougall A.I.R.B.A.
    Chev.Jos.Galea B.A., Notary Dr.V.M.Pellegrini LL.D., u
    is-Sinjorina M.R.Pisani.
Editur:Is-Sur G.Lanfranco.

Patrun tal-Ghaqda: L-Onorevoli Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, Is.Sinjorina Agatha Barbara,M.P.